## TIFSIR TA' KLIEM

F'xi nħawi ta' Malta għadhom igħidu l-kelma *isgħab*. Tisma' min igħid: *l-isgħab sa timrad darba*, jiġifieri: l-aqwa sa timrad darba. Vassalli u Falzon ma jġibuhiex dil-kelma. Caruana jiktibha *asgħab* u jagħtiha t-tifsira: *più spiacevole*. *Isgħab* huwa aġġettiv u jfisser: *diffiċli, tqil biex isir;* hekk fil-Għarbi. Dan l-aġġettiv hu marbut mal-verb *sogħob* li għadna ngħiduh fis-sens ta' *dispjaċir*; jisgħob bija = jiddispjaċini. *Sogħob* ifisser: *kien tqil, iebes biex wieħed jiflaħ għalih*; hekk: *jisgħob bija li għamiltlek dan* ifisser: hija ħaġa iebsa għalija li għamiltlek dan.

Nagħtu ħajja lil dil-kelma minsija!

Niżżiħajr lis-Sur Karm Sant ta' Baħar iċ-Ċagħak li nebbaħni b'dil-kelma.

P.P.S.